**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Vella

vs

Adrian Borg - Mystic Interiors

CCT 40/22/MS

14 ta' Gunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta' Marzu 2022 fejn talab is-somma ta' sitt mitt euro (€600.00), prezz ta' gardenza mixtrija minghand l-intimat/ azjenda intimata, liema gradenza ma kenitx l-istess kulur bhal dik li r-rikorrent kien ra fix-showroom u kellha diffetti ohra.

Ra li ma kienx hemm risposta min-naha tal-intimat/ azjenda intimata, izda l-intimat Adrian Borg deher quddiem dan it-tribunal u xehed f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'April 2021 ir-rikorrent u l-mara tieghu marru fix-showroom tal-intimat u ordnaw gradenza (chest of drawers) Louis XII wara li huma raw gradenza li kien hemm fix-showroom. Xehdet Marilynn Vella, il-mara tar-rikorrent li qalet li ghalkemm id-data tal-konsenja kellha tkun Gunju 2021, ma gietx konsenjata fix-xahar ta' Gunju u fl-ahhar waslet f'Settembru 2021. Meta waslet, dak in-nhar stess, indunaw illi ma kenitx l-istess kulur bhal dik li kienu raw fix-showroom, u ma kellhiex il-vina. Ilmentat mal-intimat u ghall-ewwel innega izda imbaghad fl-ahhar qabel maghha u accetta illi jgib gradenza ohra. Ghalkemm huma xtaqu jiehdu il-gradenza li kienu raw fix-showroom, l-intimat qalilhom li ma setax ibieghha u li kien ser jordna ohra minn barra. Pero' meta it-tieni gradenza waslet f'Januar 2022, il-kulur xorta ma kenitx dik li xtaqu u kien hemm numru ta'

difetti ohra. Huma regghu ilmentaw u l-intimat offrielhom biex jmorru fix-showroom u jaghzlu xi hag'ohra, pero' irrifjuta li jaghtihom flus lura.

Illi r-rikorrent Joseph Vella ikkonferma dak kollu li qalet il-mara tieghu u zied ighid li l-ahhar gradenza li giet konsenjata kienet dizastru, tant li il-qiegh tal-kexxun kien maqlugh, ir-rails tal-kxaxen ma jaqblux u l-pumi ma jinzlux.

Illi xehed ukoll Adrian Borg li qabel ma' dak kollu li qalu r-rikorrent u martu, pero' qal ukoll illi ma kienx konxju tal-fatt illi l-kexxun kien sfrondat. Ikkonferma wkoll illi flus lura ma jaghtix izda offrielhom jiehdu xi hag'ohra li xtaqu. Qal ukoll illi huma kienu raw chest of drawers ohra u kien lest li jaghtiheilhom bl-istess prezz pero' l-kejl ma kienx dak li xtaqu u.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' sitt mitt euro (€600.00), u dan wara lii xtara gradenza minghand l-intimat/azjenda intimata, li ma kenitx tal-kwalita u/ jew kulur pattwita.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-gradenza li ordna r-rikorrent wara li ra l-kampjun fix-showroom u dik li eventwalment giet konsenjat lilu, ma kienux l-istess kulur u anke l-kwalita kien differenti. L-intimat ghall-ewwel innega pero' eventwalment accetta u fil-fatt offra illi jbiddlilha ghal wahda gdida. Pero' anke it-tieni wahda ma kenitx tajba u hawnhekk ukoll, l-intimat accetta illi kien hemm diskrepanzi. Fil-fatt, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023 l-intimat offra illi jerga' jgib gradenza ohra, ghat-tielet darba, pero' l-offerta ma gietx accettata min-naha tar-rikorrent u l-mara tieghu, li tilfu kull fiducja fl-intimat. Fix-xhieda tieghu, l-intimat ikkonferma wkoll illi bhala policy tal-kumpanija, flus ma jinghatax lura, pero' kien lest li joffri lir-rikorrent u l-mara tieghu gradenza ohra tal-ghazla taghhom.

Ikkunsidra

Illi b'kull dovut rispett, ir-rikorrent m'ghandhomx ikunu kostretti jaccettaw gradenza kontra qalbhom u gialdarba dak li gie ordnat originarjmanet ma kienx konformi ma dak li huma kienu ordnaw u kien hemm diskrepanzi mhux biss fil-kulur izda anke fil-kwalita, fejn hafna affarijiet kienu neqsin jew maqlughin, allura, f'dak il-kaz, kellhom kull dritt jitterminaw il-kuntrat u jiehdu flushom lura, iktar u iktar wara li l-gradenza kienet diga inbiddlet ghal wahda gdida, pero' n-nuqqasijiet baqghu hemm. Mir-ritratti esebiti, jidher car illi l-gradenza li huma raw fil-hanut kien iktar car u hamranija, mentri dik li giet konsenjata lilhom kienet skura u fejn jidhol ghamara, l-kulur huwa determinanti.

Illi wara li t-Tribunal ra l-artikolu 73 et seq tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu skond il-ligi u ghandu kull dritt ghal rifuzjoni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-intimat ihallsu s-somma ta' sitt mitt euro (€600.00). Bi dritt tal-intimat illi jiehu lura l-gradenza mertu tal-kaz, wara li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru